DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 31/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea Ferrovjarja (Regolament tal-Aġenzija) [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 42f (ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim:

", kif emendat bi:

— **32008 R 1335**: Ir-Regolament (KE) Nru 1335/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 354, 31.12.2008. p. 51)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1335/2008 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiżi, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

[1] ĠU L 101, 22.4.2010, p. 23.

[2] ĠU L 354, 31.12.2008, p. 51.

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.